# Il-qima lejn Marija Annunzjata fil-Knisja Arċipretali u fir-raħal tan-Naxxar

Kitba ta' Anton Camilleri

Il-qima lejn il-Misteru tal-Inkarnazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu (l-Annunzazzjoni ta' Marija Verġni) hu mifrux sewwa fid-dinja nisranija, mhux inqas fil-gżejjer Maltin. Għalkemm meta wieħed isemmi l-Lunzjata jiġuh f'moħħu biss l-irħula ta' Ħal Balzan, Ħal Tarxien u l-Lunzjata tal-Birgu, dan ma jfissirx li l-qima tinsab f'dawn il-lokalitajiet biss. Dan il-misteru daħal f'dawn il-gżejjer fis-seklu sbatax. Il-qima daħlet ferm qabel, u wieħed jista' jgħid li bdiet mat-tagħlim li wassal l-appostlu missierna San Pawl fil-gżejjer Maltin, fis-sena 60 W.K. B'hekk il-kult lejn il-Lunzjata f'Malta u Għawdex imur lura sew fl-istorja ekkleżjastika ta' dawn il-gżejjer.

### Il-qima lejn il-Lunzjata fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar

Il-Parroċċa tan-Naxxar hi waħda mill-eqdem parroċċi f'Malta, fil-fatt kienet waħda mill-għaxar parroċċi li waqqaf l-Isqof Senator de Mello fl-1436. Il-qima lejn Marija Annunzjata fin-Naxxar hi qadima wkoll. Tant li fil-vista pastorali li Mons. Pietro Dusina għamel fin-Naxxar bejn Jannar u Marzu 1575 jikteb, li fil-knisja parrokkjali l-qadima kien hemm artal iddedikat lil Marija Annunzjata. Dan kien wieħed miż-żewġ artali, li kien hemm fuq kull naħa tal-artal maġġur. Dak tal-lemin kien iddedikat lil Marija Annunzjata, u l-ieħor it-tlugħ fis-sema ta' Marija. Hu jkompli jgħidilna li dawn kienu neqsin mill-bżonnijiet meħtieġa.[1] Sal-1588 l-uniku armar li l-artal tal-Lunzjata kellu, kien biss ventartal tad-drapp aħmar. Għalhekk min kien jieħu ħsiebu, Damiano Xeberras, kien imġiegħel jipprovdi l-affarijiet meħtieġa fi żmien xahar. Jekk le kien jiqaflu d-dritt li kellu fuq il-qabar li kien hemm quddiem l-istess artal.

Jidher li l-affarijiet tjiebu, tant li fl-1590 Giuseppe Xeberras, in-neputi ta' Mikiel li kien ingħata l-artal, kien jieħu ħsieb li jagħmel festa f'ġieħ Marija Annunzjata, waqt li ibnu l-kjeriku Antonio, kien jieħu ħsieb li jinxtegħel il-lampier. Iżjed tard fl-1594, sirna nafu, li fuq l-artal kien hemm pittura żgħira ta' San Bastjan ukoll.[2]

Kif l-artal ġie għand il-familja Xeberras tixhdu ġrajja li seħħet lil Mikiel Xeberras. Fl-1502 dan Mikiel wettaq delitt, li skont il-liġi ta' dak iż-żmien, f'każ li jinstab ħati, kellu jiġi mgħallaq fil-pubbliku. Imwerwer kif kien, Mikiel għamel wegħda li jekk jeħles mill-mewt jibni knisja u jiddedika lil-Lunzjata. Il-grazzja qalagħha, imma meta wera b'xewqtu lill-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Giacomo Raficano, dan ma ħalliehx iżid knisja oħra man-numru ta' knejjes li diġà kien hemm fil-misraħ. Għalhekk tah artal fil-knisja parrokkjali, kif ukoll qabar quddiem l-istess artal.[3]

### L-artal imur fil-knisja l-ġdida

Bħalma għamlu f'parroċċi oħra n-Naxxarin iddeċidew li huma wkoll jibnu knisja ġdida u akbar, fl-istess post fejn kien hemm il-knisja l-antika. Ix-xogħol beda, u sal-1616 uħud mill-knejjes żgħar li kien hemm mal-knisja l-qadima kienu diġà twaqqgħu, għalkemm sal-1623 il-knisja l-qadima kienet għadha tintuża. Ħames snin wara l-qadima kienet inħattet, u l-ġdida kienet lesta u tiffunzjona, għalkemm kien jonqos biss il-koppla li ttellgħet iżjed tard fl-1630.

B'kollox, fil-korsija u l-kappelluni tal-knisja l-ġdida, l-arkitett ħoloq post għal tmien artali, b'dedikazzjoni differenti fosthom wieħed lil Lunzjata, fuq in-naħa tal-lemin tal-artal maġġur. Meta l-bini tlesta beda t-tiżjin tagħha, tiżjin li mexxa b'ritmu tajjeb, tant li sal-1659 l-erba' artali li kien hemm fil-kappelluni, fosthom dak tal-Lunzjata kienu diġà mżejna bi prospettivi barokki. Skont il-viżta pastorali tal-Isqof Balaguer de Camarasa, li għamel fir-raħal tan-Naxxar fl-1636, nafu li l-artal komplew jieħdu ħsiebu dixxendenti tal-familja Xeberras, li ma naqsux li hu wkoll jiżżejjen b'kolonni skolpiti tal-ġebel bħat-tliet artali l-oħra, bi skannel indurat bid-deheb u xogħol ieħor ta' skultura. Skont l-istess vista pastorali nafu li t-tabib tar-raħal Giovanni Aloisio Xeberras, kien jieħu ħsieb dak li kien hemm bżonn, fosthom quddiesa fil-festa tal-Lunzjata u quddiesa kull nhar ta' Sibt filgħaxija bil-flus imħollija minn Ġilormu Xeberras.

Fil-11 ta' Ġunju 1662, l-istess Isqof reġa għamel vista pastorali oħra. Minnha nafu li mill-aħħar vista pastorali 'l hawn, fuq l-artal tal-Lunzjata kien sar gwarniċ skolpit fil-ġebel, flimkien ma' sitt gandlieri tal-injam indurati bil-fidda, salib u bukketti tal-fjuri artifiċjali. L-Isqof jikteb, li barra Dun Ġwann Maria Mifsud, li kien iqaddes fis-Sibtijiet, kien iqaddes ukoll Dun Mattew Xeberras, Kanonku tal-Knisja Katidrali, iben Giovanni Aloisio.[4] Matul iż-żmien fuq dan l-artal tqiegħed ukoll kwadru mpitter mill-kavallier Garnier, waqt li fil-ġenb twaħħlet skrizzjoni b'tagħrif fuq l-obbligi tal-quddies, marbuta mal-istess artal.

Skont il-vista pastorali tal-Isqof Mikiel Gilormu Molina, li għamel fin-Naxxar fl-1680, jgħidilna li mhux biss il-familja Xeberras għamlet minn kollox biex isir it-tiżjin meħtieġ għall-artal tal-Lunzjata, iżda l-istess familja kienet qed tgħin lill-kappillan Dun Ġakbu Azzopardi, fix-xogħol tat-tisbiħ tal-knisja. Fost oħrajn huma kienu ħallsu 20 skud, biex isir wieħed mill-bibien tal-ġnub tal-knisja l-ġdida. Ta' din l-għajnuna l-kappillan Azzopardi u l-prokuratur tal-knisja, tawhom qabar fil-kappellun fejn kien l-artal, biex jindifnu fih.[5] Żgur li l-familja Sceberras baqgħat tieħu ħsieb dan l-artal sal-bidu tas-seklu tmintax, għax fl-1719 waħda mid-dixxendenti ta' Mikiel żejnitu b'lampier tal-fidda, li fuqu għandu miktub Maria Sceberras B.V. Annunciate Dicavit Anno 1719. Dan kien l-ewwel lampier tal-fidda li sar fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar.[6]



*Il-Pittura tat-tħabbira ta' Fra Lucas Garmier li saret wara t-tieni nofs tas-seklu 17*

Xi żmien wara din id-data, xi artali nbidlitilhom id-dedikazzjoni tagħhom. L-artal tal-Lunzjata ma baqax fejn kien iżda mar faċċata, fejn illum hemm l-artal iddedikat lil San Pawl, u li sa dak iż-żmien kien iddedikat lill-Madonna tal-Grazzja. Bil-bini tan-navi, fil-bidu tas-seklu 20, reġa' kien hemm xi tibdil, u b'hekk l-artal tal-Lunzjata spiċċa ddedikat lil San Pawl, u l-ebda artal ieħor ma ġie ddedikat lilha. Biss ir-rabta li xi darba l-familja Sciberras kellha ma' dan l-artal għadha tidher, għax fuq il-bażi taż-żewġ kolonni għad hemm impittra l-arma tal-familja.

## Quddies u festi fuq l-artal tal-Lunzjata

Fil-vista pastorali tal-Isqof Lawrenz Astiria, li għamel fin-Naxxar fil-25 ta' Ġunju 1673, isemmi li l-festa tal-Lunzjata fuq dan l-artal kienet issir bil-kbir, bil-kant tal-ewwel u t-tieni għasar u quddiesa, li bosta drabi kienet tkun kantata.[7] Barra dan, kien isir quddies kantat fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-2 ta' Frar, fil-festa tal-Madonna tal-Viżitazzjoni fit-2 ta' Lulju, fil-festa ta' Santa Marija 15 ta' Awwissu, f'dik tal-Vitorja fit-8 ta' Settembru, u fit-8 ta' Diċembru, festa tal-Kunċizzjoni.

## Il-kwadru ta' Marija Annunzjata

Mat-tiżjin li sar fuq l-artal tal-Lunzjata kien hemm ukoll il-kwadru li juri x-xena tal-Annunzazzjoni. Din il-pittura tissemma mill-Isqof Molina fil-vista pastorali li għamel fl-1678.[8] Skont l-istil tiegħu jidher li sar mill-Kavallier Franċiż Fra Lucas Garnier. Garnier kien pittur ta' importanza, li ħadem fis-seklu sbatax qabel ma ġie Malta l-pittur Mattia Preti. Ftit nafu fuq dan il-pittur, li kien studja f'Ruma fl-Akkademja ta' San Luqa qrib is-sena 1636. Xogħlijiet tiegħu f'Malta jinsabu fil-Konkatidral ta' San Ġwann, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, u fil-knisja żgħira tal-Lunzjata, li tinsab f'Wied il-Lunzjata fir-Rabat Għawdex. Għal din il-knisja Garnier pitter il-kwadru titulari li juri wkoll ix-xena tal-Annunzazzjoni.[9]

Bħala pittura, il-kwadru li nsibu n-Naxxar jista' jinqasam fi tnejn. Fl-ewwel parti jidher l-anġlu fuq sħaba b'subgħu ta' idu x-xellugija qed jipponta 'l fuq, waqt li f'idu tal-lemin qed iżomm ġilju. Fl-istess livell tiegħu fuq il-lemin hemm il-Madonna, għarkupptejha b'idejha flimkien titlob. Fit-tieni parti tal-kwadru, fin-naħa ta' fuq hemm is-sħab miftuħ b'żewġ anġli u żewġ puttini jħarsu 'l isfel lejn x-xena. Minn dan il-ftuħ fis-sħab, jidhru niżlin 'l isfel raġġi ta' dawl. Illum dan il-kwadru jinsab esebit fil-mużew tal-parroċċa, wara li l-artal li kien fuqu ġie ddedikat lil San Pawl. Il-kwadru li hemm fil-preżent, iddedikat lill-qaddis, sar mill-pittur Virgilio Monti fl-1923.

Barra minn dan, ix-xbieha tal-Lunzjata tidher ukoll fuq żewġ kwadri oħra, marbuta mal-Madonna tar-Rużarju, u t-tnejn jinsabu fil-knisja parrokkjali. L-ewwel wieħed hu qadim ħafna magħmul fl-1595, xogħol il-pittur Giovanni Maria Abela. Mad-dawra tiegħu hemm il-ħmistax-il misteru tar-rużarju, fosthom dak tat-tħabbira tal-anġlu. F'nofs is-seklu sbatax dan il-kwadru kien tneħħa minn fuq l-artal

tar-rużarju biex jitpoġġa dak li hemm illum, xogħol il-pittur Francesco Zahra. Din id-darba l-misteri tar-rużarju ma humiex impittra fuq il-kwadru, iżda mqiegħda għalihom f'pitturi ovali fil-ġnub tal-kwadru, fosthom dak tat-tħabbira tal-anġlu. Dawn ma humiex xi xogħol ta' klassi, u ma jidhirx li saru minn Zahra, iżda minn xi pittur ieħor.[10]

### Knejjes żgħar dedikati lil-Lunzjata

Fis-seklu sittax fin-Naxxar kienu jeżistu żewġ knejjes żgħar iddedikati lil-Lunzjata. Waħda tinsab fl-inħawi tas-Salini, u li fil-preżent tagħmel mal-parroċċa ta' Burmarrad. Ta' kull sena fl-imgħoddi, f'jum il-festa, kienet issir purċissjoni mill-parroċċa tan-Naxxar lejn din il-knisja u lura, purċissjoni li maż-żmien ma baqgħatx issir.

Il-knisja l-oħra kienet fl-inħawi ta' Ħal Dgħif, (irħajjel li biż-żmien beda jifforma parti minn Naxxar) u li llum ma għadux jeżisti.[11] Fl-1575 din il-knisja kienet miżmuma tajjeb, tant li kellha l-art



*Fl-istess mużew insibu pittura oħra ta' artist mhux magħruf li saret fil-bidu tas-seklu 17*

pavimentata, b'artal u bieb wieħed. Id-dħul mill-kera ta' dar li kienet tmiss magħha, kien imur biex issir il-festa bil-primi vespri u l-quddiesa. Fil-vista pastorali tal-1594 insibu, li kien tpoġġa f'postu kwadru li juri lill-Verġni Marija u l-Arkanġlu Gabriel. Għal xi raġuni din il-knisja marret lura, għax fl-1598, Andrea Sammut li kien jieħu ħsiebha, u joqgħod f'bini li kien imiss mal-knisja, kien ordnat jipprovdi lil din il-knisja mejda biex iservi ta' artal, pjattaforma tal-ġebel biex fuqha titpoġġa l-mejda, gandlieri tal-injam u lampier. Hu kellu żmien xahrejn biex jagħmel dan, inkella kien jeħel multa.[12] Meta fis-6 ta' Diċembru 1636, l-Isqof Balaguer kien qed jagħmel il-vista pastorali tiegħu fin-Naxxar, hu żar ukoll lil din il-knisja. L-Isqof jikteb li din kienet mibnija bil-ħnejjiet, miżbugħa, miżmuma tajjeb, u li kellha artal tal-ġebel li kien armat b'kollox.[13] Tlieta u għoxrin sena wara, jiġifieri fl-1659, din il-knisja ġiet profanata.[14]

**Riferenzi:**


1 Programm Festa Marija Bambina, Naxxar, 1997 p. 31
2 V. Borg, Melita Sacra II, the Maltese Diocese during the sixteen century, the author 2009 p. 598
3 Programm Festa Marija Bambina, Naxxar, 1998 p. 29
4 S. Mangion, In-Naxxar fis-snin 1636 u l-1662 fid-dawl taż-żewġ żjajjar pastorali tal-Isqof ta' Malta Fra Miguel Juan Balaguer, Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, 2011 p. 5-7, 33-34
5 Programm Festa Marija Bambina, Naxxar, 1994 p. 13
6 Programm Festa Marija Bambina, Naxxar, 1998 p. 29
7 Għaqda Mużikali Vittoria Naxxar, Programm tal-festa 1993, p. 19
8 P. Catania, L.J. Scerri, (ed) Naxxar: a village and its people, the editors 2000 p. 175
9 *The Sunday Times of Malta*, 15.02.2015
10 P. Catania, L.J. Scerri, (ed) *Naxxar: a village and its people*, the editors 2000 p. 171, 186
11 Għaqda Mużikali Vittoria Naxxar, Programm tal-festa 1997 p. 79
12 V. Borg, *Melita Sacra II the Maltese Diocese during the sixteen century*, the author 2009, p. 599
13 S. Mangion, In-Naxxar fis-snin 1636 u l-1662 fid-dawl taż-żewġ żjajjar pastorali tal-Isqof ta' Malta Fra Miguel Juan Balaguer, Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, 2011 p. 23
14 V. Borg, (ed.) *Marian devotions in the island of St Paul, 1600-1800*, Historical Society 1983, p. 57



Classic Hair Design
Josette Bartolo – Hair Stylist
Sir Antonio Micallef Street, Balzan BZN 1164, Malta
T: (00356) 2149 3643 – M: (00356) 9988 8257
Email: josbar64@hotmail.com


